MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2010

Rikors Numru. 492/2009

**F.L. Yachting Limited (C. 31753)**
**Vs**

**Yan Sax**

## Il-Qorti

Rat l-Avviz tas-socjeta’ attrici permezz ta’ liema titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta’ hamest elef u wiehed u sebghin Ewro u sittax-il centezmu (€5,071.16) rapprezentanti prezz ta’ xogholijiet, fornimenti u servizzi provduti lill-konvenut, rezi, mibjugha u kkonsenjati fuq istruzzjonijiet tieghu stess kif jidher mill-prospett anness u mmarkat Dok.A mal-Avviz bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta’ kull fattura kontra l-istess konvenut.

Rat illi mill-atti jirrizulta li l-konvenut giet debitament notifikat bil-procedura ai termini tar-regolamenti “EC 1348/2000” u ma ikkontestax il-kawza fit-terminu prefiss

mill-Ligi u lanqas deher ghas-seduti mizmuma minn din il-Qorti.

Rat l-atti tal-kawza, u senjatament in-nota ta’ cessjoni pprezentata mis-socjeta’ attrici fl-4 ta’ Gunju 2010 permezz ta’ liema l-istess socjeta’ cediet it-talba ghas-sorte u zammet ferm il-kap tal-ispejjez u l-interessi.

Semghat lil Simon Fiorini Lowell rapprezentant tas-socjeta’ attrici li xehed waqt is-seduta ta’ l-24 ta’ Gunju 2010.

**Ikkunsidrat :**

In vista tan-nota ta’ cessjoni tas-socjeta’ attrici, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghas-sorte u bil-prezenti sentenza ser tghaddi biex taghti decizjoni dwar il-kap ta’ l-ispejjez u l-imghaxijiet.

Peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici ghall-hlas ta’ l-ispejjez u imghaxijiet giet sodisfacentement ippruvata u lanqas ma giet kontestata mill-konvenut, il-Qorti tilqa’ t-talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri u l-imghax legali mid-data ta’ kull fattura sad-data tal-effettiv pagament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------